VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,671, 1 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 359 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 65 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Fil-każ ta' kors prinċipalment bir-riċerka u skont in-natura tal-programm, l-applikanti li daħlu skont is-sottoparagrafi (b) u jekk neċessarju (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 huma meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li jkopri mhux anqas minn 30 u mhux aktar minn 60 krettu ECTS kif indikat mill-Bord, skont l-għadd ta' kretti ECTS diġà miksuba f'dak il-qasam ta' studju, b'marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala studenti regolari fil-Kors."